A.L. 268 ta' 2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Intiż għall-Użu f'Dieti Ristretti fl-Enerġija għat-Tnaqqis fil-Piż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar Ikel Intiż għall-Użu f'Dieti Ristretti fl-Enerġija għat-Tnaqqis fil-Piż u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Ikel Intiż għall-Użu f'Dieti Ristretti fl-Enerġija għat-Tnaqqis fil-Piż, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 1 ta' 1999.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/29/KE tat-30 ta' Mejju, 2007.

Jemenda ir-regolament 6.3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 6.3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"6.3 It-tikkettjar, ir-riklamar u l-preżentazzjoni tal-prodotti involuti ma jistgħu jagħmlu ebda referenza għar-rata jew l-ammont ta' telf fil-piż li jista' jirriżulta mill-użu tagħhom".